

Brussell, 12 ta' Lulju 2017
(OR. fr)

10942/1/17
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0278 (COD)

CODEC 1201
PI 91

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' ċerti xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-17 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Jannar 2017².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-6 ta' Lulju 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ dok. 12270/16.

² ĠU C 125, 21.4.2017, p. 27.

³ dok. 10892/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma li jaqbel u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, hekk kif tinsab fid-dokument PE-CONS 23/17;
- li jieħu d-deċiżjoni li fil-minuti ta' din il-laqgħa tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tidher fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
